MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1482/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833).

Vs

Tammy Chircop (KI numru 85001L).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, mitejn u tnejn u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centemzu (€1,272.23) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta’ Awissu 2010 sal-jum tal-pagament effettiv, minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-loan account taghha mas-socjeta’ attrici. U peress illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta’ Awissu 2009.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centemzu (€1,272.23), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------